MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 481/2012

**Lombard Bank Malta p.l.c.**
**vs**
**Venues Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-Avukat Maria Cardona bhala mandatarju ta’ Pawlu Vella tal-15 ta’ Mejju 2012;

Rat ir-risposti ta’ Lombard Bank p.l.c. u Venues Company Limited;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta’ Mejju 2010 u halliet ir-rikors ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Illi r-rikorrenti mhux jidher f’ismu proprju izda tramite l-Avukat Cardona. Ma ngibitx prova mill-Avukat Cardona li r-rikorrenti hu assenti minn Malta jew hu soggett ghal xi

interdizzjoni jew inkapacitazzjoni legali. Fuq hekk biss din il-Qorti tista' tissoferma ruhha u tichad it-talba.

Pero l-Qorti tqis li l-kwistjoni timmerita approfondiment fil-mertu. It-talba tar-rikorrenti hi ghas-sospenzjoni tas-subbasta li ghandha ssir fit-22 ta' Mejju 2012 peress illi r-rikorrenti Vella kien offra li jixtri l-immobbli soggetti ghal din is-subbasta fl-irkant taht l-awtorita tal-Qorti li sar fit-28 ta' Lulju 2011 mhux f'ismu izda f'isem Anthony Abela, direttur ta' Venues Company Limited u martu Nadine Abela, garanti tad-debiti tas-socjeta Venues u dan ghax gie mgieghel jaghmel hekk.

Il-Qorti tirrileva li fi proceduri taht l-artikolu 329(2) tal-Kap. 12 Vella kien xehed quddiemha u spjega b'mod xejn konvincenti li hu ma kienx jaf lil konjugi Abela u illi lejliet is-subbasta ta' Lulju 2011 talbuh imur joffri fis-subbasta bl-intendiment li l-proprjeta jehduha huma. Hu pero car illi fis-subbasta ma qalx li qed joffri f'isem terzi u taha ismu u l-karta tal-identita tieghu meta l-proprjeta giet oggudikata lilu. Kwindi ghal finijiet tal-ligi jidher prima facie illi s-subbasta saret b'mod legali u proceduralment korrett.

Ir-rikorrenti jsemmi sentenza fl-ismijiet **Montebello vs Stratford Company Limited et** (PA, 29/11/2007) fejn fil-konsiderazzjonijiet il-Qorti rreferiet ghal artikolu tal-ligi relevanti cioe artikolu 320 Kap. 12 fejn l-irkantatur ma jistax jaccetta offerti pro persona nominanda fost affarijiet ohra. Pero din il-Qorti tqis li dik il-kawza kellha fattispecie differenti w inoltre l-kwistjoni tqajmet waqt li kienu qed isiru l-offerti u fil-fatt il-mandant accetta li joffri personalment u mhux tramite l-avukat tieghu kif kien qed isir. Hawnhekk is-sitwazzjoni hi differenti hafna. Vella offra personalment u ma kien hemm ebda indikiazzjoni li hu qed joffri f'isem haddiehor. L-aggudikazzjoni ghalhekk prima facie kienet valida. Jekk Vella u Abela kellhom ftehim differenti dan ghandu jigi konsidrat u dibattut bejniethom f'sede ohra u mhux f'din il-vertenza.

Inoltre din il-Qorti tqis li sallum ma ttiehdet ebda procedura gudizjara ohra minn Vella biex tannulla dik li gie aggudikat fit-28 ta' Lulju 2011 u r-rikors ghas-sospenzjoni

tas-subbasta prezenti wahdu zgur ma tistax tinunza biex permezz tieghu jistemghu provi li jwasslu lil din il-Qorti tiddikjara nulla procedura konkluza.

Ir-rikorrenti irid jipprocedi mod iehor jekk irid li l-proceduri li sa issa mxew skond il-ligi jigu dikjarati nulli. Bl-istess mod u ghall-istess raguni din il-Qorti ma tistax tiddikjara nulla l-liberazzjoni tas-subbasta 35/2011 tat-28 ta’ Lulju 2011, u dan apparti l-fatt li l-liberazzjoni fil-fatt ma sehhietx stante li l-prezz mertu tal-offerta ta’ Vella qatt ma thallas mill-istess Vella fil-Qorti, u ghalhekk saret it-talba sussegwenti mill-kreditur biex il-proprjeta terga’ titqieghed ghal bejgh (artikoli 328 u 329 Kap. 12).

Ghalhekk il-Qorti ssib illi r-rikors odjern hu proceduralment monk fis-sens illi r-rikorrenti ma jistax jipprezenta rikors tramite prokuratur meta dan qieghed f’Malta u fil-mertu dan ir-rikors qed jigi michud ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------